

Nimmobilizzaw fondi għall-impjegi u t-tkabbir

L-UE nediet inizjattiva ta' investiment mingħajr preċedent biex jerġa' jibda t-tkabbir, tingħata spinta lill-impjegi u jerġa' jitqajjem l-investment strateġiku f'setturi ewlenin fl-Ewropa. **Il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa** qed jipprova jiftaħ investimenti pubbliċi u privati ta' mill-inqas €315-il biljun sal-2018, b'appoġġ għal aċċess għal finanzjament ta' riskju għal kumpaniji ta' kull daqs. **Il-Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS)** jinsab fil-qalba tal-Pjan ta' Investiment, fejn jappoġġja proġetti innovattivi li jistgħu jeħtieġu **kopertura għar-riskju**. Il-Fond huwa inizjattiva konġunta bejn il-Kummissjoni Ewropea u l-Bank Ewropew tal-Investment (BEI). Proġetti innovattivi se jibbenefikaw minn self, garanziji jew investimenti ta' ekwità ta' madwar €61 biljun matul tliet snin, direttament mill-BEI jew permezz tal-fond sussidjarju tiegħu - il-Fond Ewropew tal-Investment (FEI).

Opportunità ta' infrastruttura u innovazzjoni

L-FEIS jagħti lill-BEI aktar kapaċità għall-finanzjament ta' riskju għal proġetti infrastrutturali kbar permezz tal-**"Opportunità ta' Infrastruttura u Innovazzjoni"**. Garanzija ta' €16-il biljun mill-baġit Ewropew flimkien ma' €5 biljun mill-Bank Ewropew tal-Investment tgħin biex jingrana l-appoġġ minn investituri istituzzjonali u selliefa oħrajn. B'dan il-ħsieb, **il-promoturi tal-proġetti għandhom ċans aħjar biex jassiguraw finanzjament għal proġetti bi profil ta' riskju ogħla** li, s'issa, ma setgħux jirċievu appoġġ finanzjarju, jew l-appoġġ finanzjarju sħiħ.

Immassimizza ċ-ċansjiet biex tikseb investment

Promoturi ta' proġetti jistgħu jibbenefikaw bl-aħjar mod possibbli mill-opportunitajiet tal-FEIS billi jużaw servizzi magħmula apposta:

Jistgħu jiksbu assistenza miċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti (EIAH) permezz tas-sit uffiċjali <http://www.eib.org/eiah/>, dwar kwistjonijiet tekniċi inkluż appoġġ għal proġetti tekniċi, strutturar tal-proġetti, konsulenza finanzjarja, bini ta' kapaċitajiet jew konsulenza dwar politika, sabiex il-proġetti tagħhom ikunu **aktar attraenti għall-investituri**.

Jekk il-proġett ta' investiment jiswa aktar minn €10 miljun, promoturi ta' proġetti jistgħu jagħtuh aktar **viżibilità** billi jirreġistraw fuq il-**Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment (PEPI)** fuq ec.europa.eu/eipp. Dan il-portal il-ġdid jippermetti lil promoturi ta' proġetti bbażati fl-UE – pubbliċi jew privati – sabiex jilħqu investituri potenzjali minn madwar id-dinja kollha.

Ingħaqad ma' InvestEU

Għal informazzjoni aġġornata dwar il-Pjan ta' Investiment għall-Ewropa,

ec.europa.eu/invest-eu
#investEU



Pjan ta' Investiment għall-Ewropa



Il-pjan ta' investiment għall-Ewropa – x'se jiksbu l-promoturi tal-proġetti
Mela #investEU



Min jista' japplika għal finanzjament EFSI taħt l-"opportunità ta' infrastruttura u innovazzjoni"

Il-promoturi kollha ta' proġetti pubbliċi jew privati, minn entità legali pubblika jew privata stabbilita fl-UE, huma eliġibbli biex japplikaw għal finanzjament. Il-finanzjament tal-FEIS jista' jingħata lil entitajiet ġewwa u barra mill-UE.

Liema tip ta' proġetti jikkwalifikaw għal finanzjament

L-appoġġ tal-FEIS huwa disponibbli għal proġetti li huma vijabbli ekonomikament u teknikament, inkluż proġetti bi profil ta' riskju għoli, sakemm jissodisfaw ukoll il-kriterji tal-BEI dwar jekk jistgħux jiġu ffinanzjati.



Kif taċċessa l-finanzjament

Promoturi pubbliċi jew privati jistgħu japplikaw għal self permezz tal-Bank Ewropew tal-Investment. Għal ħtiġijiet ta' finanzjament taħt il-EUR 25 miljun, il-promoturi għandhom jikkunsidraw li jiggruppaw proġetti b'fokus tematiku jew ġeografiku fi pjattaformi ta' investiment (self ta' qafas, fondi apposta) qabel ma jippreżentawhom lill-BEI.

Għal aktar informazzjoni ara http://www.eib.org/projects/cycle/applying_loan/.

- **Proġetti ta' innovazzjoni u proġetti ta' riskju ogħla:** Proġetti jew entitajiet iffinanzjati taħt l-FEIS mhux bilfors iridu jkunu ta' riskju għoli. Madankollu, il-garanzija tal-FEIS tippermetti lill-investituri u lill-operaturi finanzjarji biex jieħdu riskju addizzjonali fejn meħtieġ.

- Proġetti minn setturi ta' importanza ewlenija biex iħallu impatt pożittiv fuq l-ekonomija Ewropea. Dawn jinkludu:
 - infrastruttura strateġika (diġitali, trasport u enerġija)
 - proġetti sostenibbli għall-ambjent (enerġija rinnovabbli u effiċjenza fl-enerġija)
 - żvilupp urban u rurali u proġetti soċjali
 - edukazzjoni u taħriġ, riċerka, żvilupp u proġetti ta' innovazzjoni

